**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 442/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ritienne Gauci)**

**vs**

**Seyble GRECH**

**Illum, 28 ta' Frar 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar is-17 ta' Novembru 2023 fil-konfront ta' **Seyble GRECH** ta' sbatax-il sena, iben Brian u Rita nee` Armeni, imwieled Pieta` nhar is-6 ta' Ġunju 2005, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 184105(L), wara rikors tal-Uffiċjal tal-*Probation* Charisse Boffa tal-25 ta' April 2023, li bih għamlet denunzja quddiem l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-termini tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, liema rikors jgħid hekk:

   1. Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq [tat-12 ta' Novembru 2022] kienet appuntata Uffiċjal tal-*Probation* ta' Seyble Grech, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 184105L, ...

2. Illi Seyble Grech qed jirrifjuta kull tip ta' għajnuna li huwa verament għandu bżonn u b'hekk qed jikser id-direttivi mogħtija lilu mill-Uffiċċju u l-Uffiċjal tal-*Probation* u l-*Parole*;

3. L-ikkonċernat għandu problema akuta ta' rabja, fejn il-ħin kollu jaħseb kif ser ipattiha jew iweġġa' lil ċerti nies, huwa kemm il-darba uża kliem ta' theddid fejn anke indika li se jagħmel ħsara jew imur għal xi ħadd quddiem l-Uffiċjal tal-*Probation* u anke xi professjonisti oħrajn (hekk kif indikat fir-rapport ta' andament datat 22 ta' Marzu 2023);

4. Jidher b'mod ċar li s-sitwazzjoni marret għall-agħar mir-rapport ta' andament sal-preżent, jumejn ilu stess l-ikkonċernat kien involut fi ġlieda u qiegħed rikoverat l-isptar. Għaldaqstant, Seyble qed ikun ta' perikolu kemm għalih innifsu, kif ukoll għal ħaddieħor.

   Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, l-esponenti tħossha fid-dmir illi tattira l-attenzjoni ta' din ir-rispettabbli Qorti għal dan il-fatt, biex il-Qorti tieħu dawk il-miżuri li jidhrilha xierqa u opportuni.

## A. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 95, 96, 221(3), 325(1)(ċ), 338(ee) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lid-denunzjat (illum l-appellant) **Seyble GRECH** ħati tal-akkużi kollha u stante li l-akkużi tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5) u sitta (6) huma assorbiti fit-tieni (2) akkuża u stante illi ġie ppruvat illi d-denunzjat ma kienx qed josserva d-direttivi tal-Uffiċjal tal-Probation, a bażi tal-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, trattat mad-denunzjat għall-akkużi mill-ġdid, u għalhekk ikkundannatu għal sena priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ġiet sospiża għal perjodu ta' sentejn mid-data ta' dik is-sentenza, kif ukoll multa ta' ħamest elef ewro (€ 5000).

In oltre a bażi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, imponiet fuq id-denunzjat Ordni ta' Trażżin a favur il-parte ċivile Luana

Lovegrove għal żmien tliet (3) snin, liema Ordni kellha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat, fi kliem sempliċi, ir-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jiġux obduti.

## B. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant **Seyble GRECH** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*joghgobha tvarja u* ***tirriforma*** *s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet htija fl-appellant pero` tikkancellaha f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflok taghti piena aktar ekwa u gusta*".

## C. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi permezz tar-risposta tagħha, l-Avukat Ġenerali wieġbet illi din il-Qorti għandha tirrespinġi l-aggravju tal-appellant u konsegwentement tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Novembru 2023.

## D. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti nhar id-9 ta' Ottubru 2024, il-partijiet trattaw il-mertu tal-appell. Wara li fl-istess udjenza nstema' x-xhud Andrew Fiorini Lowell fuq talba tal-appellant, l-Avukat Ġenerali rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti.

## E. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-12 ta' Novembru 2022, l-appellant tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mixli talli:

Nhar il-11 ta' Novembru 2022 għall-ħabta ta' bejn nofsinhar (12:00hrs) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs), ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuni ta' PS 408 u PS 1128, persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 408, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita` kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa, li l-effett ikkunsidrat sew għal dak li hu l-ġisem ta' PS 408 kemm moralment, huwa ta' importanza żgħira, skont kif iċċertifikat minn Dr. Stephania Micallef (Numru ta' Reġistrazzjoni Mediku 4078);

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjment ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn mitejn u ħamsin ewro (€250), iżda anqas minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, naqas illi jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS 408 u PS 1128, uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħallihx jaqdi jew fixkel jew indaħal lill-imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu;
6. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Luana Lovegrove.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tordna lill-ħati jħallas id-danni ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Luana Lovegrove u tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni u Ordni ta' Trattament taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tipprovdi għas-sigurta` tal-persuna offiża ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Jirriżulta in oltre illi dakinhar stess tat-12 ta' Novembru 2022, l-appellant irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, b'dan għalhekk illi l-Ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza u dan billi wara li rat l-Artikoli 21, 95, 96, 221(3), 325(1)(b), 338(ee), 532(A) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, stante ammissjoni bikrija, sabet lill-imputat **Seyble Grech** ħati tal-akkużi kif dedotti kontrih, u stante li l-imputat kien għadu minorenni poġġietu taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien sentejn. Ordnat ukoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament taħt l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-istess żmien.

In oltre ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin taħt l-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal tliet snin, liema Ordnijiet kellhom jiffurmaw parti integrali mis-sentenza.

Il-Qorti spjegat, fi kliem sempliċi, ir-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jiġux obduti.

8. Illi jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi kif ingħad iżjed 'il fuq, nhar il-25 ta' April 2023, l-Uffiċjal tal-*Probation* Charisse Boffa, li kienet qed issegwi lill-appellant in segwitu għall-Ordni ta' *Probation* mposta fuqu bis-sentenza surreferita, għamlet denunzja fit-termini tal-Artikolu 21 tal-

Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, liema denunzja wasslet għas-sentenza appellata tas-17 ta' Novembru 2023.

9. Illi fl-aggravju illi ġie sottopost minnu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, l-appellant jilmenta mis-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ b'mod ġenerali, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, il-piena ta' sentenza sospiża u multa ta' ħamest elef ewro hija piena manifestament eċċessiva. Huwa jsosnti illi mir-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* jirriżulta illi huwa għandu bżonn għajnuna psikoloġika, li huwa jitkellem u jgħid dak li jħoss mingħajr ma jqis il-konsegwenzi ta' kliemu, u illi għandu rabja kbira minħabba t-trobbija tiegħu. Skont hu, għalhekk, il-piena mposta mhux se tkun ta' ebda ġid għalih u ma twassalx għar-riforma tiegħu. Jgħid in oltre illi l-fedina penali tiegħu hija nadifa, għajr għal dan il-każ u illi din il-Qorti għandha tanalizza jekk l-Ewwel Qorti applikatx piena manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena. Fil-fehma tiegħu, il-multa mposta fuqu, meta huwa għad għandu biss tmintax-il sena u ma jaħdimx, tfisser konverżjoni f'terminu ta' priġunerija.

7. Illi jingħad li huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva.

8. Dwar dan, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005, fil-kawża fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004,* filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede Superjuri, kif ukoll f'dik Inferjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of**

**penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '*...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle*." Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**[1]

9. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analiżi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[2]

10. Hawnhekk issir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-każ fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler** tas-26 ta' Frar 2009, fejn il-Qorti qieset hekk:

[1] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għall-paġna 165, para. D23.45
[2] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

> … meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

10. Jirriżulta mir-rapport tal-Pulizija, a fol. 6 *et seq* tal-atti proċesswali, illi nhar il-11 ta' Novembru 2022, Alexia Baldacchino, fil-kapaċita` tagħha ta' ħaddiema soċjali fi ħdan il-*Youth Ward* ġewwa l-Isptar Monte Karmeli, irraportat ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara illi l-appellant **Seyble GRECH**, pazjent ġewwa l-istess *ward,* kien qal diskors minaċċjuż quddiemha fil-konfront tal-eks-sieħba tiegħu, Luana Lovegrove. Iżjed tard, għall-ħabta tas-1.15 p.m., PC 408 u PC 731 irrikorrew ġewwa l-*Youth Ward* tal-Isptar Monte Karmeli, fejn hemmhekk tkellmu mal-appellant, li kien għadu kemm ġie *discharged* mill-psikjatra kuranti, fil-presenza ta' nanntu, ċerta Filippa Grech. Mill-ewwel, l-appellant beda jġib ruħu b'mod aggressiv ma' nanntu, waqt li kienet qed tipprova tkellmu u beda jgħajjat magħha. Huwa ġie mogħti d-drittijiet tiegħu skond il-liġi, inkluż id-dritt tal-assistenza legali, liema dritt għażel li jirrifjutah, u kkonferma illi kien qal il-kliem irrapportat mill-ħaddiema soċjali.

11. Il-Qorti tinnota illi hawnhekk ir-rapport ma jkomplix għaliex f'punt minnhom jispiċċa bil-kliem "*Kif lestiet ...*" u ma jissemma xejn dwar l-alterkazzjoni tal-appellant ma' PS 408, kif riżultanti mill-ewwel, mit-tieni, u mit-tielet imputazzjonijiet. Lanqas ma jirriżultaw iċ-ċirkostanzi tar-raba' imputazzjoni.

12. Illi l-istess rapport imbagħad ikompli jgħid illi iżjed tard, waqt illi l-appellant kien fil-bitħa tal-Għassa tal-Pulizija dan prova jaħrab, iżda ġie miżmum mill-ewwel mill-Pulizija, u ġie mmanettjat ma' siġġu. Hawnhekk huwa beda jgħajjar lil PS 1128 u jisfidah għall-ġlied. Qam bis-siġġu, resaq lejn PS 1128 biex ikellmu u bħal prova jħebb għalih, iżda ġie

miżmum mill-istess PS 1128. L-appellant qabad is-siġġu għal PS 1128, u kellha tintuża l-forza neċessarja sabiex la jweġġa' PS 1128 u lanqas l-appellant, li din id-darba ġie mmanettjat b'idejh it-tnejn. Hawnhekk l-appellant beda jgħajjar lil PS 1128 u jheddu li ħa jxoqqu, oltre illi stiednu għall-glied. Sostna li ma jibżax mill-Pulizija, li diġa` kien faqa' xoffħa ta' Pulizija l-Qawra u ma kienx ħa jiddejjaq jerġa' jagħmel l-istess. Sussegwentement huwa ttieħed ġewwa l-isptar Mater Dei, iżda ġie rilaxxjat u ttieħed ġewwa l-*lock up* tal-Pulizija.

13. Jirriżulta mill-proċeduri tad-denunzja quddiem l-Ewwel Qorti, illi wara l-istess denunzja, is-sitwazzjoni tal-appellant ma tjibietx, iżda anzi fi kliem l-Uffiċjal tal-*Probation*, huwa għalaq it-tmintax-il sena f'Ġunju 2023, u "*minn hemm qiesu sfortunatament beda jagħmel iktar ta' rasu*"[3] billi ma kellu l-ebda interess u motivazzjoni sabiex jaħdem, m'attendiex għall-appuntament li ngħata min-naħa tal-*Mental Health Centre* ta' Raħal Ġdid, beda jpejjep il-kannabis b'mod frekwenti, naqqas il-kuntatt tiegħu mal-Uffiċjal tal-*Probation* b'tali mod illi fix-xhieda tagħha tal-10 ta' Ottubru 2023 spjegat illi ma setgħetx tikkuntatjah għax ma setgħetx tilħqu fuq il-*mobile phone* u ma kienx qed jirrisjedi ma' missieru iżda ma' xi ħbieb, kien qed ikun aggressiv mal-familjari tiegħu, għalkemm daħal ġewwa l-isptar Monte Karmeli sussegwentement irrifjuta illi jagħmel programm residenzjali, skont missieru kien qed jagħmilha ma' kumpanija ħażina, għamel perjodu qasir l-isptar wara li kien involut fi ġlieda, irrifjuta illi jagħti lill-Uffiċjal tal-*Probation* indirizz fiss, ġie arrestat in konnessjoni ma' serq ta' muturi u *quadbike*, u wara l-ammissjoni tiegħu, kien qed jiġi miżmum il-YOURS, jistenna li tingħata s-sentenza fil-konfront tiegħu. Dan apparti illi huwa għamel kuntatt ma' Luana Lovegrove, minkejja l-Ordni ta' Trażżin favur tagħha. L-Uffiċjal tal-*Probation* temmet ix-xhieda tagħha billi sostniet illi "*F'dan il-punt Seyble ngħata diversi opportunitajiet u għajnuna biex jaħdem fuqu nnifsu iżda qiesu dejjem kien reżistenti u rrifjuta din l-għajnuna. F'dan il-punt qed ikun periklu kemm għalih innifsu, kif ukoll għas-soċjeta`. Għaldaqstant inħoss li għandu bżonn ikun f'post strutturat biex hu jista' jieħu l-għajnuna neċessarja u kif ukoll jitgħallem li hemm il-konsegwenzi għall-aġir tiegħu*".[4]

[3] Ara a fol. 39 tal-proċess.
[4] A fol. 41 tal-proċess.

11. Illi dan wassal lill-Ewwel Qorti sabiex tqis illi "*in-nuqqas tal-imputat li juri xi pentiment ghan-nuqqas tieghu, u wara li rat illi m'hemmx hafna aktar xi jsir lid-denunzjat ghajr li jifhem il-gravita` tan-nuqqasijiet tieghu, din il-Qorti thoss li piena pekunjarja kif ukoll dik karcerarja taf isservi bhala motivazzjoni sabiex id-denunzjat jipprevjeni milli jkompli t-triq ghal hajja mimlija tbatija*". Minn hawn għaddiet sabiex issib illi ġie ppruvat illi d-denunzjat ma kienx qed josserva d-direttivi tal-Uffiċjal tal-*Probation* u trattat miegħu għar-reati oriġinali li kien instab ħati tagħhom nhar it-12 ta' Novembru 2022, billi, kif ingħad, kkundannatu għal sena priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ġiet sospiża għall-perjodu ta' sentejn minn dakinhar tal-istess sentenza, u multa ta' ħamest elef ewro (€5,000).

12. Illi l-appellant m'huwiex jikkontesta dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn iddeċidiet illi huwa ma kienx qed josserva d-direttivi tal-Uffiċjal tal-*Probation*, iżda l-piena mposta fuqu mill-istess Qorti wara li din għażlet illi titratta miegħu għar-reati oriġinali illi huwa nstab ħati tagħhom nhar it-12 ta' Novembru 2022, wara l-ammissjoni reġistrata minnu.

13. Hawnhekk il-Qorti tirrileva illi r-reat ravviżat fit-tieni imputazzjoni, fit-termini tal-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali, iġib miegħu, jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u multa ta' mhux inqas minn erbat elef ewro (€4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef ewro (€10,000).

14. Imbagħad, l-appellant ġie mixli wkoll bir-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni, ossia r-reat ravviżat fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, li f'dan il-każ jikkontempla żewġ vittmi u ċioe` lil PS 408 u lil PS 1128 (kuntrarjament għat-tieni imputazzjoni li tindika biss bħala vittma tar-reat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali, lil PS 408) u għalhekk, oltre illi l-elementi taż-żewġ reati huma diversi, ma jistgħux dawn ir-reati, f'dan il-każ, jiġu kompriżi u nvoluti f'xulxin. Mir-rapport tal-Pulizija, jirriżulta illi fil-każ odjern, l-appellant oltre illi ħebb għal PS 1128, heddu u anke insulentah bi kliemu - fatti dawn tal-aħħar li jinkwadraw ruħhom fir-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali – u għalhekk l-appellant għandu

jingħata piena wkoll taħt l-istess artikolu tal-liġi[5], bl-applikazzjoni in oltre tal-Artikoli 17(b), 17(f) u 31(g) tal-Kodiċi Kriminali.

15. F'dan il-każ, madankollu, irid jiġi meqjus ukoll illi l-appellant kien minuri fiż-żmien illi huwa kkommetta r-reati oriġinali li dwarhom l-Ewwel Qorti trattat miegħu, u għalhekk kellhom jiġu applikati wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 37(2) tal-Kodiċi Kriminali, fit-termini ta' liema, il-piena applikabbli għar-reat għandha titnaqqas bi grad jew tnejn. Din il-Qorti tinnota illi minkejja li s-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-12 ta' Novembru 2022 ikkunsidrat dan il-fattur, dan ma ġiex rifless fis-sentenza appellata tas-17 ta' Novembru 2023, tant illi l-Ewwel Qorti ma rreferietx għal dan il-fatt meta ġiet biex teroga l-piena, kif jidher ukoll ċar meta erogat multa ta' ħamest elef ewro (€5,000) li, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 31(f) tal-Kodiċi Kriminali, bl-inżul fil-gradi, kellha tinżel għal piena stabbilita għall-kontravvenzjonijiet.

16. Għaldaqstant, tenut kont tas-suespost, u wara li qieset ukoll oltre ċ-ċirkostazi tal-każ, illi mill-banda l-waħda mill-fedina penali tal-appellant kif aġġornata sa Ġunju 2024, jirriżulta illi wara s-sentenza appellata, huwa nstab ħati *inter alia* ta' serq aggravat f'okkażjonijiet diversi u ġie kkundannat għal sentejn priġunerija, u mill-banda l-oħra illi minn dakinhar, waqt illi qed jiskonta din il-piena karċerarja, volontarjament huwa daħal ġewwa programm residenzjali fi ħdan l-Aġenzija Caritas, fejn skont ix-xhieda ta' Andrew Fiorini Lowell, ħaddiem soċjali, tad-9 ta' Ottubru 2024, huwa kien ilu għall-perjodu ta' tmien xhur u kien sejjer tajjeb ħafna, il-Qorti tqis illi għandha tirriduċi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti.

## DECIDE

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-appellant **Seyble GRECH** u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal sena priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ġiet sospiża għal sentejn u għal multa ta' ħamest elef ewro (€5,000), u minflok tikkundannah għall-

[5] In kwantu l-piena, l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi "*il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro(800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).*"

piena ta' sitt (6) xhur priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tiġi sospiża għall-perjodu ta' sena mil-lum u ammenda kumplessiva ta' ħamsa u tmenin ewro (€85).

Mill-bqija, tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dan ukoll illi l-perjodu operattiv tal-Ordni ta' Trażżin għandu jibda jiddekorri mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-appellant, fi kliem ċar u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi fit-termini tal-Artikoli 28A(4) u 382A(3) tal-Kodiċi Kriminali.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**